MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 282/2014

Appell Nru: 282/2014

Il-Pulizja

Spettur Sarah Magri

Vs

Joseph Zammit

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Zammit, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 808457M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-16 ta' Frar, 2012 quddiem Dr. Alexandra Micallef LL.D. ta' xhieda falza f'kawza civili permezz ta' affidavit quddiem persuna li bil-ligi ghanha setgha li taghti l-gurament (Kap 9, Art. 106 u 108);
2. Akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 106(1)(2) u (3), 108(1)(b) u 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputat Joseph Zammit hati tal-akkuza kif disposta fl-Artikolu 106 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u lliberatu minnha, pero' sabithu hati tal-akkuza kif disposta fl-Artikolu 108(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundanatu ghall-piena karcerarja ta' xahar sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Orndat ukoll ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tapplika l-piena ta' interdizzjoni u dan sabiex l-imputat ma jservix bhala xhud hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhal perit f'kull kaz li jkun.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti:

1) Tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellant minn l-artikolu 106 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkancella dik il-parti fejn sabet thija taht l-artikolu 108 u l-konsegwenzjali interdizzjoni taht l-artikolu 109 tal-istess kap u tilliberah minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Zammit huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji huma can u manifesti u fis-semplicita taghhom jikkonsistu f'dan ii gej: Il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b'mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbin ta' htija ta' l-appellant.
L'inqas haga mistennija mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz kien ii tipprova li kien hemm proceduri civili pendenti quddiem il-Qorti rigward l-incident mertu ta l-affidavit maghmul minn l-appellant. Il-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant Joseph Zammit li ta' xhieda falza f'kawza civili permezz ta' affidavit quddiem pesuna li bil-ligi keliha setgha li taghti l-gurament. Li kien hernm proceduri civili, jekk kien hemm ma giex ippruvat mill-prosekuzzjoni u dan gie rikonnoxxut mill-Qorti tal-Magistrati. Konsegwenzjali kienet il-liberatorja ta' l-appellant minn l-artikolu 106 ta' Kodici Kriminali, pero' l-Ewwel Qorti sabet htija taht l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jikkontempla ir-reat ta' gurament falz u jghid;

> 108. (1) Kull mm, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jahlef il-falz quddiem imhallef, magistrate jew quddiem uffcjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, jehel, meta jinsab hati —
>
> (a) il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-gurament ikun mehtieg mil-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta;
>
> (b) il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur, jekk gurament ma jkunx hekk mehtieg jew ordnat.
>
> (2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jghoddux ghall-guramenti promissorji.

L-ewwel onorabbli Qorti tghid fis-sentenza taghha li l-elementi ta' dan ir-reat huma:

1) Xhieda moghtija f'kull kaz iehor u cioe' mhux kawza civili;

2) Moghtija taht gurament moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti;

3) Li tali xhieda hija falza f'materja partikolari u ii taffetwa d-decizjoni tal-gudikat; u

4) Il-volonta' konxja tal-falsita' f'tali xhieda.

Wara li analizat dawn l-element l-qorti sabiex htija. Bir-rispett kollu dan ma setghax issir b'mod legali. Ghalfejn? Ghax l-ewwelnett ma giex ippruvat li f'dan il-kaz kien hemm xi proceduri civili ergo jekk dato ma non concesso kien hemm xhieda falza f'materja partikolari, din ix-xhieda ma kienitx se taffetwa l-ebda decisjoni ta' l-ebda gudikant.

Fil-fatt, il-Qorti injorat kompletament ir-regola tal-ius dem generis. Jekk wiehed jifli bir-reqqa dan l-artikolu jinnota li l-ligi tikkontempla sitwazzjonijiet fejn persuna tahlef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew persuna li ghanda is-setgha li bil-ligi jaghti gurament. Jidher car ghalhekk li biex persuna tkun hatja ta dan l-artikolu trid bil-fors ikun hemm konnessjoni bejn dak li halef u proceduri quddiem xi qorti jew tribunal. Ghalkemm Nutar huwa ufficjal pubbliku u ex legge ghandu s-seta' li jissomministra gurament ma ghandu l-ebda konnessjoni mal-Qorti;

L-appellant jissottometti li ma hux reat li inti tmur quddiem Nutar u taghmel affidavit, tghid x'tghid f'dak l-affidavit jekk dan l-affidavit ma jintuzax ghax jekk dan l-affidavit ma jintuzax il-kontenut tieghu mhux se jaffetwa lil hadd u lil ebda gudikant. F'dan il-kaz ma giex ippurvat ii dan l-affidavit intuza b'xi mod. Ma giex ippruvat li kien hemm proceduri civili. Ma giex ippruvat li l-appellant ghamel dan l-affidavit ghal skop partikolari.

Illi huwa kontradittorju l-mod kif l-qorti tillibera lill-imputat appellanti minn l-artikolu 106 u ma taghmilx l-istess meta annalizat l-elementi ta' l-artikolu 108. Jekk l-ewwel onorabbli Qorti waslet ghal konkluzzjoni li ma giex ippruvat li kien hemrn proceduri civili ma setghet qatt tasal ghal konkluzzjoni li allura l-appellant ta' xhieda falza f'materja partikolari. Kif tista' tassumi li dak li qal l-appellant quddiem in-Nutar pubbliku hija xhieda, jew se tintuza bhala xhieda jew intuzat bhala xhieda!

Illi l-Qorti tal-Magistrati lanqas setghet tasal ghas-sejbin tal-htija b'mod ragonevoli. Jekk wiehed janaliza dak li qal l-appellant f'affidavit tieghu jinduna li ma hemm l-

ebda reita bejn dak li qal l-appellant u dak li xehdu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Fil-fatt dan l-affidavit sar aktar minn sentejn wara l-allegat incident awtomobilistiku mertu ta' dan il-kaz. Aparti dan, l-appellant ma isernmi l-ebda registrazzjoni tal-vetturi li maghhom kellu l-incident. Jghid ukoll li la l-vettura tieghu u lanqas ta' quddiemu ma kellha hsara. Lanqas isemmi ma minn habbat. Mario Camilleri mill-banda l-ohra jixhed li d-daqqa li qalla kienet daqqa qawija u li l-bumper ta' wara spicca maqsum. Jghid ukoll li lill-imputat qatt ma kien rah. Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx b'mod ragonevoli tohloq ness bejn l-affidavit ta' l-appellant u l-incident li fuqu xehdu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Ma tezisti l-ebda reita bejnithom. Lanqas gie investigat il-fatt mill-pulizija jekk l-appellant qatt kienx involut f'incident iehor f'din l-istess triq.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmintax (18) ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) sehhet kollizjoni fi Triq Aldo Moro fejn kien hemm involut Mario Camilleri, Lorraine Hili u terza persuna. Dan l-incident kien jikkwalifika ghall-formola "bumper to bumper" u skont dan id-dokument is-sewwieq tat-tlieta vettura kien certu Joseph Zammit. Però meta Mario Camilleri mar l-ghassa jaghmel rapport u gie muri ritratt tal-appellant stqarr illi ma kienx hu illi kien qieghed isuq fil-jum u hin tal-incident izda persuna hafna izghar u meta gie muri r-ritratt ta' bin l-appellant certu Angelbert Zammit ix-xhud Mario Camilleri gharfu bhala s-sewwieq tat-tielet vettura li effettivament kienet iffirmat il-formula u poggiet l-isem ta' Joseph Zammit.

Fis-sittax (16) ta' Frar tal-elfejn u tnax (2012) l-appellant Joseph Zammit mar quddiem in-Nutar Dottor Alexandra Micallef u hemmhekk ha gurament illi kien hu illi kien qed isuq it-tielet karozza dakinhar tal-incident sentejn qabel. Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lin-Nutar Micallef li ikkonfermat li l-appellant kien mar ghandha u ghamel affidavit li gie esebit fl-atti dokument AM1 (kopja fol 52). Ghalhekk l-appellant gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex iwiegeb ghall-akkuza li ta xhieda falza f'kawza civili permezz ta' affidavit fil-kuntest tal-artikolu 106 u 108 tal-Kap 9 u wkoll illi rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

B’sentenza moghtija fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 117), il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant mhux hati taht l-artikolu 106 izda hati taht l-artikolu 108 tal-Kap 9, ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sentejn kif ukoll interdizzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu li l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b’mod ragjonevoli u legali tasal ghas-sejbien ta’ htija tal-appellant. Irrileva illi l-affidavit sar sentejn wara l-incident u ma kienx hemm motiv jew raguni il ghala kellu jsir peress illi ma kienx hemm proceduri civili ghaddejjin u ma rrizultax illi dan l-affidavit kien ser jintuza quddiem xi Qorti u lanqas ma rrizulta illi dan l-affidavit seta’ jaffettwa decizjoni quddiem gudikant. L-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati taht il-provvedimenti tal-artikolu 106 tal-Kap 9 u bl-istess ragunament iddikjarat lill-appellant hati taht l-artikolu 108 tal-istess Kap 9. L-appellant ma kellu l-ebda skop malinn sabiex ghamel dak l-affidavit li huwa nieqes mill-fatti ta’ dak l-incident peress illi lanqas il-karozzi ma jissemmew. Fl-ahhar argumenta illi l-artikolu 108 fuq imsemmi jrid jigi interpretat fis-sens tal-persuni u karigi msemmija fil-bidu u cioé Imhallef u Magistrat fis-sens formali ta’ dawn il-karigi u hekk ukoll ghandu jigi interpretat ufficcjal li ghandu s-setgha li jaghti gurament. Zgur illi n-nutar ma kintix tifforma parti minn din il-klassi ta’ imhallfin u magistrati msemmija f’dan l-artikolu.

Ikkunsidrat:

Jidher illi fuq il-fatti ma hemmx kontroversja. Veru illi sar incident tat-traffiku illi kienu jinvolvu tlett vetturi u iben l-appellant Edilbert Zammit iffirma fuq il-formola b’isem missieru. Xi zmien wara l-incident l-appellant volontarjament u minn jeddu mar ghand in-nutar fejn ha affidavit illi fil-fatt kien hu qed isuq il-vettura mentri fil-fatt irrizulta li ma kienx.

Ikkunsidrat:

L-artikolu 108(1) tal-Kap 9 jghid testwalment “Kull min, f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’dan is-sub artiklu, jahlef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi illi jaghti gurament

jehel ...”. L-artikoli ta’ qabel jirreferu ghal spergur f’kawzi kriminali, spergur f’kawzi kriminali ohra, spergur f’kawzi civili u spergur minn perit jew interpretu. Ghalhekk dan l-artikolu 108 jeskludi dawn is-sitwazzjonijiet u b’mod generiku jirreferi biss “f’kull kaz iehor ...”. Din tfisser kwalunkwe cirkostanza ohra fejn persuna tiehu gurament ghal xi raguni jew ohra, basta dan il-gurament jittiehed quddiem Imhallef jew Magistrat jew “quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha b’ligi illi jaghti gurament.” Ma hemmx dubbju illi nutar pubbliku Malti huwa ufficcjal illi ghandu s-setgha illi jaghti gurament u l-appellant volontarjament mar ghandha u uza s-servizzi taghha biex ha dak l-affidavit. Il-kwistjoni jekk l-affidavit kienx ordnat minn xi Qorti jew wahda mill-qrati ta’ Malta taghmel differenza ghall-fini tal-piena peress illi l-artikolu 108(1)(a) jippreskrivi certa piena fil-kaz illi l-affidavit ikun hekk ordnat u s-sub artikolu (b) jippreskrivi piena ohra jekk il-gurament ma jkunx hekk mehtieg jew ordnat. Ghalhekkd dan il-kaz jaqa’ nettament taht dan is-sub artikolu (b).

Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali l-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant kien jaf sew x’kien qieghed jaghmel – mar ghand in-nutar b’mod volontarju u bil-konsapevolazza kollha ta’ dak illi kien qieghed jaghmel kien affidavit falz meta iddikjara illi hu qed isuq il-karozza meta kien ben konxju mill-fatt illi ma kienx.

Din il-Qorti ghalhekk issib illi l-elementi kollha tar-reat kif provdut fl-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali jissusistu f’dan il-kaz u l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------